MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 301/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Saviour Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-Bank rikorrenti nhar il-21 ta' Awwissu 2009 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlieta u sittin Ewro u tlieta w disghin centezmu (€3,663.93) rapprezentanti din is-somma bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tieghu mal-Bank rikorrenti (Dok A1 sa A2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Awwissu 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament liema *loan* gie moghti lil Saviour Attard permezz ta' skrittura privata datata fl-10 ta' Lulju 1995 (Dok B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq indikata, u cioe' Dok B, partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenut Saviour Attard (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' rikorrenti u b'hekk l-intimat iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata fis-17 ta' April 2009 (Dok C) kontra Saviour Attard li huwa minn issa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Saviour Attard fejn eccepixxa is-segwenti:-

Illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:-

a. L-ammont pretiz mis-socjeta' attrici qatt ma ttiehed mill-esponenti u dan kif se jigi ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
b. L-esponenti ha l-passi kollha mehtiega biex il-facilita' bankarja tigi kancellata u dan fis-sena 2003 u konsegwentement ma ghad fadal ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.
c. Illi ghalhekk ebda ammont m'hu dovut mill-esponenti.
d. Salv eccezzjonijiet ultejuri kif premess mil-Ligi.

Rat l-affidavit ta' **Ronald Dalli** esebit mill-Bank rikorrenti fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Novembru 2009. Huwa stqarr li jokkupa l-kariga ta' Relationship Officer mal-Bank rikorrenti. Spjega li fit-8 ta' Lulju 1995 l-intimat inghata Visa u Master Card mill-fergha ta' San Gwann. Martu Doris Attard inghatat card supplimentari. Huwa esebixxa kopji taz-zewg applikazzjonijiet ghal dawn iz-zewg cards li

gew immarkati bhala Dok RD1. Qal li fl-1 ta' Gunju 1998 l-intimat kiteb lill-bank, Fergha ta' San Gwann, fejn talab li l-limitu fuq il-Visa Card jitla' ghal elf lira Maltija b'mod permanenti ghax kellu l-hsieb li jitla' vaganza mal-familja l-Libja. Il-Bank accetta w zied il-limitu ghal elf lira Maltin (LM1,000). Huwa esebixxa kopja tal-ittra relattiva ffirmata mill-intimat li giet immarkata bhala Dok RD2.

Jghid li l-pagamenti minimi ma bdewx isiru b'mod regolari u f'Novembru 2003 il-bilanc qabez il-limitu awtorizzat tal-visa card. Huwa esebixxa kopja tal-istatement relattiv li gie mmarkat bhala Dok RD3. Fl-istess perijodu kkonferma li l-master card lahqet bilanc dovut ta' mitejn u erbgha w disghin Ewro u hames centezmi (€294.05) kif jidher mill-istatement li huwa esebixxa u gie mmarkat bhala Dok RD4.

Fis-16 ta' Dicembru 2003 il-Bank rikorrenti baghat Sanction Letter fejn informa lill-intimat li l-*credit cards* gew kancellati u l-ammont dovut ta' elf u tmenin Lira Maltin (LM1,080) kellhom jithallsu f'pagamenti mensili ta' disgha w erbghin Lira (LM49) ghal sentejn. Kopja ta' dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok RD5.

Jghid ukoll li fil-11 ta' Frar 2004 u fl-10 ta' Marzu 2004 l-intimat inghata avviz b'ittra li ntbaghtet lilhom biex jaghmlu l-pagament dovut. Huwa esebixxa kopji ta' dawn l-ittri li gew immarkati bhala Dok RD6a u RD6b.

Fll-21 ta' Ottubru 2004 l-intimat inghata avviz b'ittra li ntbaghtet lilu biex ihallas is-somma dovuta kollha fi zmien gimgha, kif jidher mid-dokument esebit u markat bhala Dok RD7. Ikkonferma li fl-14 ta' Marzu 2005 intbaghtet ittra gudizzjarja lill-intimat li kopja taghha hija esebita u markata bhala Dok RD9. Fis-17 ta' April 2009 intbaghtet ittra gudizzjarja ohra lill-intimat u kopja taghha tinsab esebita fl-atti u markata bhala Dok RD10. Sussegwentement il-Bank ra li ma kienx hemm triq ohra w kien ghalhekk li pproceda fil-Qorti.

In kontro esami nhar is-6 ta' Mejju 2010 jghid li huwa qatt ma kien iltaqa' mal-intimat u ghalhekk dak li xehed dwaru

fl-affidavit qalu minn dak li rrizultalu mill-file tal-Bank. Ikkonferma li qabel mal-file relattiv gie f'idejh kien f'idejn haddiehor u dan ghaliex qabel ma jmur ghad ir-Recoveries Department ikun qieghed fil-branch u wara jghaddi ghand id-Debt Collection Unit u huwa ma jkunx jaf lil min imiss. Ikkonferma li l-file in kwisjtoni infetah fil-fergha ta' San Gwann.

Ikkonferma li huwa id-Debt Collection Unit li jiddeciedi li tohrog is-Sanction Letter jew le, u dan wara li jkun baghat ittri lill-klijenti fejn jitolbu sabiex jissetilja il-kont. Spjega li una volta l-klijent ma jissetiljax il-kont li jkollu pendenti fuq il-cards, dawn il-cards jigu kancellati u tinfetah loan bl-istess ammont imsemmi bhala l-bilanc ta' debitu fil-cards.

L-intimat **Saviour Attard** xehed nhar l-24 ta' Mejju 2010. Huwa kkonferma li l-Bank kien qed jitolbu sabiex ihallas is-somma msemmija fl-avviz dwar kreditu li kien hemm fuq loan account tieghu. Jghid li dan kien dwar credit card li kellu. Qal li huwa kien juza din il-credit card flimkien mal-mara tieghu li kellha supplementary card fuq il-kont tieghu. Stqarr li fis-sena 2002 huwa kien qed jahdem il-Libja u meta gie lura kien talab lill-mara sabiex tmur il-Bank u tikkancella l-cards li kellu. Qal li l-mara tieghu kienet marret il-Bank u ikkancellat il-cards. Mistoqsi lil min kellmet il-Bank l-intimat jghid li ma jafx. Qal li huwa qatt ma rcieva statements mill-Bank salv telefonata mill-fergha sabiex imur ikellimhom fuq xi kont li kellu.

Jiftakar li kien mar il-Bank u tkellem ma' certu Louis Gatt u dan kien allegatament tah mazz karti w qallu sabiex jarahom id-dar. Huwa gie muri id-dokument esebit fl-atti a fol. 29 li huwa Sanction Letter u qal li qatt ma kien irceviha id-dar.

Jichad dak li gie allegat lilu mill-kontro parti li meta martu marret sabiex taghlaq il-kontijiet tal-cards kien ghad fadal bilanc. Jghid li dan ma kienx minnu u statemets f'dan ir-rigward qatt ma kien ra. Qal li l-unika ittra li kien ircieva mill-Bank kienet datata 7 ta' April 2009 u dan kien irceviha fl-1 ta' Gunju 2009. Huwa gie muri ukoll l-ittra ufficcjali

esebita fl-atti a fol. 35 u jghid li nonnostante li hemm notifika posittiva tieghu, huwa qatt ma rceviha.

Rat in-nota tal-Bank rikorrenti esebita fl-atti nhar il-21 ta' Jannar 2010 li permezz taghha huwa esebixxa kopja legali t'ittra ufficcjali datata 14 ta' Marzu 2005 li giet immarkata bhala Dok SA1.

Semghet lil **Joseph Borg Cardona** jixhed nhar il-21 ta' Jannar 2010 u dan fil-kapacita' tieghu ta' Manager tal-Legal Office tal-Bank of Valletta. Mistoqsi jekk sarux xi pagamenti jew kambjamenti fil-kont tal-intimat minn mindu infethet il-kawza odjerna ix-xhud wiegeb fin-negattiv u kkonferma li l-ammont reklamat ghadu dovut.

**Louis Gatt M**anager Personal Banking mal-Bank rikorrenti xehed nhar it-13 ta' Lulju 2010 u kkonferma li huwa ghamel zmien jahdem fil-fergha ta' San Gwann ghalkemm fil-prezent kien qed jahdem fil-fergha ta' Rahal Gdid. Mistoqsi jekk kellux xi kuntatt mal-intimat jghid li ma jiftakarx izda minn ricerka li ghamel wara li rcieva it-tahrika jghid li rrizultalu li l-intimat kien klijent tal-Bank tal-fergha ta' San Gwann. Qal li bhala procedura meta klijent ikollu jaghati lil Bank fuq xi kont ta' credit cards, il-Bank jibghat ghalih izda jekk il-kliljent ma jasalx ghal xi ftehim imbaghad il-file relattiv tieghu imur ghand ir-Recoveries Department. Huwa kkonferma li m'ghandux records li qatt baghat ghall-intimat jew li qatt kellmu.

Mistoqsi ghaliex kien hemm zewg entries fuq il-kont tal-credit card tal-intimat jghid li ma jistax iwiegeb. Jghid pero' li l-kont kien gie kreditat bl-ammont ta' tmien mija w dsatax-il Lira (LM819). Jispjega li peress li l-kont jirrisali ghal seba' snin ilu l-Bank m'ghandhiex kopji tal-pay slips relattivi li awtorizza d-deposit. Ikkonferma wkoll li fuq l-istatements esebiti ma hemmx debit entries izda credit biss.

Rat in-nota tal-intimat ipprezentata nhar it-13 t' Lulju 2010 li permezz taghha huwa esebixxa zewg dokumenti li gew markati bhala Dok X u Z.

**Mary Doris Attard** mart l-intimat xehdet nhar it-13 ta’ Ottubru 2010 u kkonfermat li zewgha kien applika sabiex ikollu Visa Card u hija kienet supplimentari fuqha. Ikkonfermat li hija kienet taghmel uzu minnha. Qalet li tiftakar li f’Dicembru 2002 hija kienet marret il-Bank u talbet lill-Bank jikkancella l-uzu ta’ din il-card. Qalet li l-cards pero’ baqghu ghandha. Ikkonfermat li wara numru ta’ snin kienu cemplu lil zewgha mill-Bank u qalulu li kellu kont pendenti.

Stqarret li fil-perijodu ta’ meta hija ghalqet il-kont u wara li zewgha rcieva t-telefonata ma kienu ircevew l-ebda dokumentazzjoni mill-Bank. Qalet li pero’ li wara din it-telefonata kienet marret il-Bank u staqsiet jekk verament il-cards kienux gew kancellati u s-segretarja hemmhekk ikkonfematilha li l-kont kien maghluq f’Dicembru 2003, sena wara li kienet marret hi. Mistoqsija jekk l-impjegata tal-Bank qaltilhiex li kellha bilanc xi thallas wiegbet fin-negattiv izda qalet ukoll li hi ma staqsietx lanqas.

Semghet lil **Julian Baldacchino** jixhed nhar id-19 ta’ Ottubru 2010 u spjega fid-dettall il-procedura li tintuza mill-Bank meta klijent tal-Bank ma jhallasx id-debitu li huwa jkollu fuq il-cards, kif del resto sar f’dan il-kaz. Ikkonferma li l-fergha fejn il-klijent ikollu l-kont tibghat ghall-klijent u tgharrfu bid-debitu tieghu u huwa biss meta il-klijent ma jikko-operax mal-Bank li l-file tieghu imur fir-Recoveries Unit. Hemmhekk il-Bank ihallas lil Visa Card Section sabiex b’hekk jinghalaq il-kont u jinfetah loan account sabiex il-klijent jigi dikjarat debitur tal-Bank fl-ammont li kellu fil-cards. Hawnhekk jinghata zmien biex ihallas dan id-debitu f’pagamenti mensili u dan hu dak li gara f’dan il-kaz. Mistoqsi jekk hemmx bzonn li l-klijent japprova dan kollu x-xhud wiegeb fin-negattiv u zied ighid li lanqas hemm bzonn li l-klijent jiffirma s-Sanction Letter.

Mistoqsi mill-intimat ghaliex kien hemm zewg pagamenti fuq il-visa cards fi zmien qasir fis-sena 2003 jghid li ma jistax iwiegeb pero’ kkonferma li l-ammont ta’ debitu indikat fis-sanction letter jirrappresenta l-ammont ta’ flus li hallas il-Bank biex inghalqu il-kontijiet tal-Cards.

Ikkunsidrat :

Kif tajjeb inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza nhar it-13 ta' Frar 2001 "*Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'.*"

Illi kif inghad fis-sentenza moghtija nhar is-17 ta' Marzu 2003 mill-Qorti ta' l-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg** "*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

*Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza*

*ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur."*

Issa f'dan il-kaz il-Bank rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas dak l-ammont imsemmi fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' tlett elef sitt mija tlieta u sittin Euro u tlieta u disghin centezmu (€3,663.93) rapprezentanti bilanc ghad-debitu li kellu l-intimat fil-Loan Account tieghu. Il-Bank rikorrenti jispjega li l-intimat kellu l-fakolta' li juza zewg credit cards u dan ghal certu zmien kif ammess mill-intimat u martu stess. Gara pero' li l-intimat ma kienx qed jaghmel il-pagamenti dovuti u kien ghalhekk li l-Bank iddecida li jaghlaq il-kontijiet tal-Credit Cards, ihallas il-bilanc dovut lil Credit Card Section u jiftah Loan account sabiex b'hekk jghati fakolta' lill-intimat ihallas id-debitu tieghu f'pagamenti mensili. Fil-fatt skond is-sanction letter esebita a fol. 29 u mmarkata bhala Dok RD 5 jirrizulta li d-debitu tal-intimat kien jammonta ghal elf u tmenin Lira Maltin (LM1080) u dan kellu jithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' disgha w erbghin Lira (LM49). Gara pero' li skond il-Bank ma saru l-ebda pagamenti akkont u kien ghalhekk li l-Bank kellu jipprocedi ulterjorment.

Min-naha l-ohra l-intimat jghid li kien hu li ta sturzzjonijiet lil l-Bank sabiex jinghalaq il-kont li huwa kellu rigward l-uzu tal-credit cards meta effettivament kien baghat lil martu fil-fergha ta' San Gwann u safejn kien jaf hu ma kienx infurmat li kellu xi debitu. Jghid li huwa sar jaf li kellu x bilanc zmien wara meta kien ircieva xi telefonata mill-Bank. Jghid ukoll li qatt ma rcieva xi komunikazzjoni tal-Bank fejn gie mitlub ihallas xi debitu, lanqas l-ittra ufficcjali esebita il-Qorti bit-timbru posittiv tieghu. Jinghad pero' li l-konvenut fl-ebda hin ma pprezenta xi ricevuta ta' xi hlas li seta' ghamel jew xi kont li jindika li l-bilanc kien zero. Strieh biss fuq id-dokumentazzjoni tal-Bank.

Issa hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol.**XL1X p11 p 776**). Fid-dubbju u fin-nuqqas ta'

ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol.XXXV11 p1 p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV p 111 p 604; Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe**, Appell ,28 ta' Jannar 2000).

Naturalment is-socjeta' attrici li tallega d-debitu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa' jimpera l-principju '*actor non probante reus absolvitur'.*

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe "***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hi jista' jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti."*

M'hemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq is-socjeta' attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza, ghax hi qed tallega d-debitu w kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** u kkonfermat fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imh. Ph. Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace '***F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor reus in excipiendo fit actor, ghax jerga jinghad***,** *l-oneru centrali tal-akkuza jiqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

Il-Qorti m’ghandhiex dubbju li verament id-debitu kien dovut mill-intimat, kif qed tippretendi s-socjeta’ attrici, u dan ghaliex fil-fehma taghha rnexxielha tipprova li d-debitu kien dovut fis-somma ndikata fir-rikors promotur, kif indikat originarjament fl-istatements tal-accounts esebiti mill-istess intimat fl-ahhar seduta permezz ta’ nota.

Ghaldaqstant mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat kien verament debitur tal-Bank u ghalkemm huwa minnu li ma kienx hu li ta struzzjonijiet sabiex jinfetah il-Loan Account, dan kellu jsir minhabba l-fatt li l-intimat baqa’ inadempjenti fil-hlasijiet li kellu jaghmel.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat qieghda tilqa’ t-talba tal-Bank rikorrenti u tordna lill-istess intimat ihallas lill-Bank rikorrenti s-somma ta’ tlett elef sitt mija u tlieta u sittin Euro u tlieta u disghin centezmu (€ 3,663.93).**

**L-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 17 ta’ April 2009 jithallsu mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------